| Nru tal-BM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| BM 91 (2026) | Estensjoni tal-Business Development Scheme: Nassistu intrapriżi li qed jespandu, jittrasformaw u joħolqu impjiegi speċjalizzati. |
| BM 92 (2026) | Nestendu l-iskema tal-Get Qualified. |
| BM 93 (2026) | Nestendu l-iskema tal-Higher Educational Qualifications. |
| BM 95 (2026) | Jitkompla ix-xogħol fuq il-proġett tar-Repożitorju Komuni Ċentrali tad-Dejta u due diligence sabiex jitħaffef l-identifikazzjoni tal-applikanti u jimminimizza d-dokumentazzjoni. |
| BM 96 (2026) | Jitkompla x-xogħol ta' konsultazzjoni mal-banek biex jingħata dritt ġdid lin-negozji bħala dritt legali. |
| BM 97 (2026) | Jiġi ntrodott appoġġ għal start-ups li jippromwovu l-lingwa, il-kultura u l-arti Maltija. |
| BM 98 (2026) | Inċentiv għas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. |
| BM 99 (2026) | Indaħħlu emendi legali sabiex nagħtu l-ewwel pass u ċ-ċans li żgħażagħ ta' bejn 16–18 il-sena jsiru intraprendituri b'mod sigur u regolat u se noħolqu qafas legali li jippermettilhom iwettqu atti kummerċjali u joperaw kontijiet bankarji taħt struttura adattata għall-età tagħhom. |
| BM 101 (2026) | Estensjoni għall-programm ta' edukazzjoni għall-intraprenditorija fis-Sajf. |
| BM 102.2 (2026) | Negozji tal-familja: Estensjoni ta' grants ta' konsulenza għall-governanza u s-suċċessjoni. |
| BM 102.3 (2026) | Negozji tal-Familja: Skema ta' taħriġ għall-ġenerazzjoni li jmiss. |
| BM 102.4 (2026) | Negozji tal-Familja: estensjoni ta' skemi għal għajnuna għad-diġitalizzazzjoni u l-finanzjament sabiex aktar negozji tal-familja jkunu jistgħu jippjanaw fit-tul u jikbru. |
| BM 103 (2026) | Żvilupp tal-video games: Jiġi estiż investiment strateġiku li se jkun qed jagħti liż-żgħażagħ aċċess għal karrieri fil-produzzjoni tal-logħob, teknoloġiji immersivi, simulazzjoni, animazzjoni, AR u VR. |
| BM 104 (2026) | Gaming u Esports: Jitwaqqaf qasam legali affidabbli fir-rigward tat-tassazzjoni indiretta għall-industriji li jżidu l-valur bħal dik tal-Gaming. |
| BM 105.2 (2026) | Twaqqif għall-Ġestjoni tal-Identità Ċentralizzata. |
| BM 106 (2026) | Jitkompla x-xoghol fuq SME park ġewwa Ħal Far. |
| BM 107 (2026) | Isiru xogħlijiet biex jinħolqu spazzi moderni għall-intrapriżi li jiżviluppaw prodotti tas-saħħa, farmaċewtiċi, light industry u bijoteknoloġiċi — inkluża l-marine biotechnology. |
| BM 108 (2026) | Qafas ta' liġi ġdid għall-industrija u l-art industrijali: Nippreżentaw liġi ġdida li tirregola l-operat ta' INDIS. |
| BM 109 (2026) | Qafas ta' liġi ġdid għall-industrija u l-art industrijali: Nippreżentaw liġi ġdida li tirregola l-operat ta' Malta Enterprise. |

| | |
|---|---|
| BM 110 (2026) | Tiġi ppubblika wkoll politika ġdida dwar l-użu aħjar tas-soqfa industrijali u spazji miftuħa biex jiġu utilizzati għal pannelli fotovoltajċi. |
| BM 111 (2026) | Qed tiġi esplorata sejħa internazzjonali għall-istabbiliment ta' free-zone logistics hub ġdid fiż-żona tal-ajruport. |
| BM 112 (2026) | Riklamazzjoni tal-art: Jitnieda l-proċess għal proġett fuq skala kbira ta'riklamazzjoni tal-art 'il barra mill-perimetru tal-Freeport. |
| BM 113 (2026) | Investiment fir-riċerka u d-diġitalizzazzjoni f'Ċentru ta' Kompetenza fil-qasam tas-semikondutturi. |
| BM 114 (2026) | Tissaħħah il-kooperazzjoni ma' istituti ta' riċerka bħall-IMEC fil-Belġju biex il-komunità tagħna ta' studenti, riċerkaturi u intrapriżi jkollhom aċċess għal laboratorji u opportunitajiet tal-aqwa livell. |
| BM 115 (2026) | Jitkompla x-xogħol għal Digital Identity Wallet nazzjonali. |
| BM 116 (2026) | AI għal Kulħadd. Għotja ta' korsijiet bla ħlas, ċertifikazzjoni nazzjonali u sessjonijiet prattiċi għal ġenituri, studenti, ħaddiema u anzjani. |
| BM 117 (2026) | Jingħata abbonament b'xejn għal servizz ta' AI ġaladarba jitlesta l-kors ofrut f'miżura 116 (2026). |
| BM 118.1 (2026) | Skemi għad-diġitalizzazzjoni u l-addozzjoni ta' teknoloġiji moderni u cyber security: Skema għad-diġitalizzazzjoni, l-addozzjoni ta`teknoloġiji moderni u t-tisħiħ tas-sigurta` ċibernetika fin-negozji u l-industrija. |
| BM 118.2 (2026) | Skemi għad-diġitalizzazzjoni u l-addozzjoni ta' teknoloġiji moderni u cyber security: Nistabilixxu AI Factory Antenna f'Malta biex Malta tkun parti integrali minn l-infrastruttura Ewropeja għall-izvilupp u t-tisħiħ tal-AI. |
| BM 119 (2026) | Tnaqqis fit-taxxa fuq sentejn għal investiment relatat ma' Intelliġenza Artifiċjali, diġitalizzazzjoni, investiment li jippromwovi l-immodernizzar, l-awtomazzjoni u s-cybersecurity, għan-Negozzji u Industriji. |
| BM 121 (2026) | Tisħiħ ta' l-iskema Micro Invest billi ninkludu fiha investiment f'soluzzjonijiet diġitali filwaqt li l-krediti tat-taxxa jiżdiedu għal €65,000 sa massimu ta' 65% tal-ispiża eliġibbli. |
| BM 122 (2026) | Skemi ta' investiment: It-total tal-għajnuna għal kategoriji speċifiki eżistenti għall-intrapriżi f'Għawdex se jkun jista' jitla' sa massimu ta' €85,000. |
| BM 123 (2026) | Għajnuna lis-settur privat biex itejjeb il-pagi permezz l-iskema Micro Invest: Għal ħaddiema li ilhom aktar minn erba' snin mal-istess kumpanija, il-Gvern se jiffinanzja 65% miż-żieda fil-paga għal sentejn, sa massimu ta' €780 fis-sena. |
| BM 124 (2026) | Għajnuna lis-settur privat biex itejjeb il-pagi permezz l-iskema Micro Invest: F'Għawdex, ħaddiema li ilhom aktar minn erba' snin mal-istess kumpanija, il-Gvern se jiffinanzja 80% taż-żieda fil-paga sa massimu ta' €960 fis-sena. |
| BM 125 (2026) | Għajnuna lis-settur privat biex itejjeb il-pagi permezz l-iskema Micro Invest: Biex inkomplu ngħinu n-negozji ż-żgħar, se ngħollu l-limitu massimu tal-benefiċċju tal-Micro Invest minn €45,000 fis-sena għal €65,000 għal Malta u €80,000 fis-sena għal Għawdex. |
| BM 127 (2026) | Eżenzjoni għal Koperattivi mill-obligu li jissottomettu audited accounts għal fini ta' taxxa kif hemm stipulat fir-regoli ppublikati. Din il-miżura qiegħedha tinidirizza simplifikazzjoni u t-tnaqqis ta' burokrazija żejda. |
| BM 128 (2026) | Proġetti ta' riġenerazzjoni u spazji għall-familji: Fort Campbell. |
| BM 129 (2026) | Proġetti ta' riġenerazzjoni u spazji għall-familji: Selmun Palace. |
| BM 131 (2026) | Jitwaqqaf Family Amusement Park ta' Ta' Qali. |